**Laqgha Numru 02/K6/2009**

**Introduzzjoni**

Minuti tat-Tieni Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2009 li saret nhar l-Erbgha 11 ta' Frar 2009.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Lauro Fava, Evelyn Vella Brincat (li waslet tard) u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie pubblikat fil-5 ta' Frar 2009. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Minuti 01/K6/2009.**

**02. Punti li johorgu mill-Minuti 01/K6/2009.**

**03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**

**04. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**

**05. Mistoqsijiet.**

**06. Korrispondenza.**

**07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**

**08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**

**09. Estimi Finanzjarji 2009/2010 u Business Plan 2009/2012.**

**10. Il-hinijiet tax-xoghol tal-haddiema tal-Kunsill.**

**11. L-impjieg ta' l-iskrivana Kirsty Rizzo.**

**12. Tenders 01/2009 u kwotazzjonijiet 01 u 02/2009.**

**13. Approvazzjoni tal-kontijiet.**

**14. Materji Ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 01/K6/2009.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-minuti riferenza 01/K6/2009 kif ipprezentati.

1.02. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 01/K6/2009.

**46/6049/08/I** 29/12/2008 — Ittra minghand l-Onor. Ministru Dolores Cristina b'risposta ta' Mistoqsija Parlamentari dwar l-uzu li ser isir mill-bini ta' l-iskola primarja galadarba dan ikun vakant.

2.01. B'riferenza ghall-Minuti 01/K6/2009 item 6.04 u ghall-korrispondenza numru **46/6049/08/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li ladarba l-iskola ma jidhirx li ser tinghata lill-komunita' allura ghandu jinstab post alternattiv biex il-Kunsill jitlob ghad-devoluzzjoni halli jaghmel ic-centru socjali kif kien mahsub li jsir flok l-iskola kif ukoll li l-Kunsill ghandu jinforma lir-residenti b'dak li sar rigward it-talba tal-Kunsill, is-Sindku Joe Zammit qal li l-avviz lir-residenti ghadu mhux lest u ser isir fil-jiem li gejjien.

**46/0220/09/I** 16/01/2009 — Kopja ta' l-ittra li l-Korporazzjoni Enemalta baghtu l-BMX Association dwar it-talba taghhom ghall-installazzjoni ta' dawl gdid hdejn il-kumpless fejn infurmawhom li hija responsabilita' tal-Kunsill li jinstalla dawl gdid.

2.02. B'riferenza ghall-Minuti 01/K6/2009 item 6.55 u ghall-korrispondenza numru **46/0220/09/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li l-Kunsill jaghmel spezzjoni taz-zona sabiex ikun identifikat jekk jistghux jitwahhlu xi lampi godda, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsilliera li fil-laqgha li saret mas-Sur John Zammit nhar it-Tnejn 9 ta' Frar kien hemm qbil l'issir l-ispezzjoni flimkien tal-post imsemmi.

2.03. B'riferenza ghall-Minuti 01/K6/2009 item 8.01 fejn is-Sindku Joe Zammit kien irrefera ghall-programm ta' attivitajiet imhejja ghal Jum Pembroke u kien ippropona li dan jigi approvat sabiex jibda x-xoghol fuqu, is-Sindku Joe Zammit qal li peress l'issa l-Vici Sindku jinsab tajjeb biex ikompli bir-responsabiltajiet tieghu, huwa kien qed jinfurmah li fil-laqgha li jmiss ser ikun diskuss il-process biex isir il-programm ta' attivitajiet skond kif approvat mill-Kunsill specjalment fejn jidhlu l-attivitajiet socjali.

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 08/2009** b'rapport tal-laqgha li saret ma' Ms. Cynthia Ehrlich mill-Ambaxxata Amerikana **(Ara dokument A); Internal Memo 09/2009** b'rapport tat-tender 01/2009 u l-kwotazzjonijiet 01 u 02/2009 **(Ara dokument B); Internal Memo 10/2009** b'lista tal-laqghat li saru bejn laqgha riferenza 01/K6/2009 u 02/K6/2009 **(Ara dokument C) u Internal Memo 11/2009** b'rapport ta' l-azzjonijiet mehuda bejn laqgha riferenza 01/K6/2009 u 02/K6/2009 **(Ara dokument D)**.

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.02. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-Internal Memos ipprezentati. Il-kelliem irrimarka ukoll li bi zvista Jum Pembroke 2009, ser ikun is-26 anniversarju u mhux 25 anniversarju.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm il-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn id-29 ta' Jannar u l-11 ta' Frar 2009 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/0446/09/I**
28/01/2009
Ittra minghand l-Ghaqda Anzjani Pembroke fejn informaw lill-Kunsill li waqt l-ahhar laqgha li saret gew diskussa diversi mozzjonijiet li jahseb l'huma t'interess ghall-Kunsill u talab twegiba fuqhom fejn fost dawn il-mozzjonijiet talbu li l-laqgha ta' l-Ghaqda jibdew isiru filghodu u rrakkomandaw li darba fix-xahar jibda jigi tabib il-Kunsill jikteb ir-ricetti tal-medicini.

6.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0446/09/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni li l-laqghat ta' l-Ghaqda Anzjani Pembroke jibdew isiru fil-Kunsill filghodu, li l-Kunsill jipprovdi trasport ghall-attivita' li ser issir fi zmien l-Ghid u li tinkiteb ittra lis-Segretarju Parlamentari tas-Sahha l-Onor. Joe Cassar sabiex jibda jkun hemm is-servizz ta' tabib fil-Kunsill biex jinkitbu r-ricetti medici.

6.03. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

6.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0454/09/O**
29/01/2009
L-Applikazzjoni mimlija li baghat il-Kunsill lill-European Union Programme Agency ghall-progett bl-isem 'Strenghtening Cultures and Friendships Through Youth Involvements'.

6.05. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0454/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/0544/09/I**
03/02/2009
Ittra minghand il-Familja Tonna li toqghod Triq Patri A. Tonna Barthet, fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill dwar inbieh mill-kelb informa l-Kunsill li kien sorpriz bl-ittra minhabba li l-akkuzi li ghamel il-Kunsill fl-ittra fl-opinjoni tieghu huma bla bazi.

6.06. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0544/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem informa lill-Kunsill li kien ser jerga' jikteb lil dan is-sinjur li l-Kunsill jagixxi fuq kull rapport li jircievi u li ma jkun hemm ebda akkuza diretta lilu personali jew malintiz jew intenzjoni hazina meta tingibed l-attenzjoni tal-persuna/i koncernata/i.

**46/0572/09/I**
04/02/2009
Ittra minghand il-Health Promotion Unit dwar attivita' li ser issir fl-10 ta' Mejju 2009 mill-World Health Organisation.

6.07. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0572/09/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ippropona li l-Kunsill jippartecipa f'din l-attivita'.

6.08. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0599/09/I**
05/02/2009
E-mail minghand is-Sur Vince Attard minn Nature Trust fejn informa l-Kunsill li b'riferenza ghall-laqgha li saret ftit tal-jiem ilu mal-MEPA ser jissottomettu l-verzjoni finali tal-management plan ghall-approvazzjoni u ghandu jibghat kopja tieghu ladarba jitlesta.

6.10. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0599/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem awgura li dan il-progett jinghata l-barka biex jibda x-xoghol li tant huwa ta' gid ghal Pembroke u r-residenti.

**46/0644/09/I** 09/02/2009 E-mail minghand Solar Solutions jilmenta li l-offerta li ghazel il-Kunsill ghal sistema ta' photovoltaic hija aktar gholja minn dik li ppropona huwa bil-kwalita' tal-materjal ikun l-istess.

6.11. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0644/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li jigi mitlub jikkonferma li l-prodott huwa mill-EU kif ukoll li Solar Solutions jigu nfurmati li l-ghazla tal-Kunsill saret abbazi tas-snin tal-garanzija fejn Solar Solutions offrew 5 snin filwaqt li Eco Energy International offrew 10 snin garanzija.

6.12. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0654/09/I** 09/02/2009 E-mail minghand l-Onor. Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said iheggeg lill-Kunsilli Lokali jippartecipaw fil-kampanja li ser jaghmel il-Gvern dwar l-uzu ta' l-efficjenza ta' l-energija.

6.14. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0654/09/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jippartecipa f'din l-attivita' u li l-boards jitpoggew fil-lokal fil-gimgha ta' Jum Pembroke.

6.15. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

6.16. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0659/09/I** 09/02/2009 Kopja ta' stqarrija ghall-istampa mahruga mid-Dipartiment tas-Sahha tal-Pjanti fejn il-Kunsill gie nfurmat li sa qabel is-6 ta' Marzu ghandu jinforma lid-Dipartiment bil-palm kollu li hawn fil-lokal.

6.17. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0659/09/I** il-Kunsillier Joe Brincat ippropona li l-Kunsill jiehu ritratti u jsir ir-rapport kif mitlub taz-zoni pubblici fil-lokal. Il-kelliem ippropona ukoll li jsiru posters fil-hwienet tal-lokal.

6.18. Is-Sindku Joe Zammit issekonda u zied li huwa kien ser jara li jittiehdu r-ritratti u jimtela l-formularju necessarju.

6.19. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.

7.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kien hemm laqgha ohra ta' kull xahar tal-LES. Rigward in-NHDJC il-kelliem qal li l-Kunsill ghadu qed jistenna meta c-Chairman ser ilaqqa' lil dan il-kumitat, wara li kien ghalaq iz-zmien tat-tenders. Il-kelliem qal li kienu 4 l-kumpaniji li tefghu l-offerta taghhom.

7.02. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Hadd huwa kien cempel lill-AO biex jibda jibghat is-servizz ta' gwardjan lokali biex jissorvelja z-zona tal-grawnd tal-Luxol specjalment fil-festi u hdud minhabba l-problema tal-parking bl-addocc li qed isir minn nies li jigu ghall-loghob tal-futbol. Il-kelliem talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg biex jikteb ittra f'dan is-sens lill-AO biex tkun irregistrata t-talba tal-Kunsill Lokali Pembroke. Il-kelliem qal ukoll li l-AO ser jintalab ukoll jibghat Gwardjani Lokali sabiex iharku persuni li qed ihallu l-klieb taghhom ihamgu barra.

## 08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

8.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li jitnehhew il-kompjuters li mhux qed jintuzaw minn TCTC sabiex il-Kunsill ikun jista' jaghmel uzu mis-sala.

8.02. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

8.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 09. Estimi Finanzjarji 2009/2010 u Business Plan 2009/2012.

9.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li dan is-suggett ikun diskuss fil-laqgha li jmiss.

9.02. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

9.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

***9.04. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat waslet fis-6.15pm.***

## 10. Il-Hinijiet tax-Xoghol tal-Haddiema tal-Kunsill.

10.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg intalab li jhalli l-kamra sabiex issir diskussjoni mhux fil-prezenza tieghu.

10.02. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg halla l-kamra ghal ftit hin u rega' dahal sabiex titkompla l-laqgha.

10.03. Wara diskussjoni li saret is-Sindku Joe Zammit ippropona li ghas-sena 2009 il-haddiema tal-Kunsill ghandhom jahdmu skond il-ftehim kollettiv jigifieri mit-Tnejn sal-Gimgha bejn it-8.00am u l-5.00pm ghajr Awwissu fejn il-hinijiet ikunu bejn it-8.00am u s-2.00pm. Il-kelliem ippropona ukoll li dan is-suggett ghandu jerga' jigi diskuss fl-ahhar tas-sena.

10.04. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

10.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10. L-Impjieg ta' l-Iskrivana Kirsty Rizzo.

11.01. Is-Sindku Joe Zammit talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg biex jaghti rapport u r-rakkomandazzjonijiet tieghu vis-à-vis l-efficjenza tas-Sinjorina Kirsty Rizzo u l-impjieg taghha fil-futur mal-Kunsill Lokali Pembroke.

11.02. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li ghalkemm il-progress tas-Sinjorina Kirsty Rizzo huwa wiehed kajman hafna kif indikat fir-rapporti li saru ta' kull xahar, ma kellux problemi li jirrakkomanda li l-Kunsill jimpjega lis-Sinjorina Kirsty Rizzo. Il-kelliem qal li ma kellux kliem iehor x'izid ma' dak diga miktub fir-rapporti li saru ghajr li kull membru elett tal-Kunsill f'dawn l-ahhar xhur ukoll setghu jaraw u jevalwaw ix-xoghol ta' l-iskrivana Rizzo, spejcalment is-Sindku Joe Zammit li jkollu kuntatt kontinwu mal-Kunsill. **(Ara dokument E, F, G, H, I, J u K)**

11.03. Wara diskussjoni li saret is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill japprova l-impjieg tas-Sinjorina Kirsty Rizzo fuq bazi indefinit.

11.04. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

11.05. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u l-Kunsillier Lauro Fava vvutaw kontra.

11.06. Il-mozzjoni giet approvata.

## 12. Tenders 01/2009 u kwotazzjonijiet 01 u 02/2009.

12.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona sospenzjoni tal-laqgha sabiex ikun jista' jiltaqa' l-Bord ta' l-Ghazla tat-Tenders u l-Kwotazzjonijiet.

12.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

12.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

***12.04. Fis-7.15 pm il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli talab li jkun skuzat minhabba interess pekunarju.***

***12.05. Il-laqgha giet sospiza fis-7.15pm.***

***12.06. Il-laqgha tkompliet fis-7.50 pm.***

12.07. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li waqt li l-laqgha kienet sospiza, is-sur Diego Luraschi mil-iSvizzera zar il-Kunsill vis-a-vis ir-relazzjoni ta' Pembroke mal-lokal ta' Magliaso, liema relazzjonijiet ilhom li bdew snin ilu. Il-kelliem qal li sar kuntatt telefoniku mas-Sindku ta' Magliaso is-sur Marino Monti dwar il-possibilita' li fix-xhur li gejja jkun hemm kuntatt ufficcjali bejn iz-zewg lokalitajiet.

12.08. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li **tender 01/2009 – Removal & Cart Away of Palm Trees** ghandha tinghata lis-Sur **Carmelo Mazzitelli** peress li l-offerta tieghu hija l-aktar wahda vantagguza. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni.

12.09. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

12.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.11. ***Fis-7.55 pm il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kompla l-laqgha.***

12.12. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kien qed jirrakkomanda li l-**kwotazzjoni 01/2009 – Finger / Palm Reader** ghandha tigi analizzata minn persuna teknika qabel tittiehed decizjoni. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni u li kull membru tal-Kunisll li jaf b'xi persuna teknika f'dan il-qasam ghandu jinforma lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg immedjatament sabiex isiru l-arrangamenti mehtiega.

12.13. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

12.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.15. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li l-**kwotazzjoni 02/2009 – Festun tad-Dawl** ma ghandix tinghata peress li x-xoghol jista' jaghti l-kaz li jista' jsir mill-Kunsill wara li jinxtara l-materjal u ghalhekk l-ispiza tigi irhas. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni u tingieb kwotazzjoni ohra.

12.16. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

12.17. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.18. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li sas-sena li gejja l-bozoz tradizzjonali ser jispiccaw skond direttiva ta' l-EU u ghalhekk il-Kunsill ghandu jikkunsidra li jekk ser isir festun gdid, ghandhom isiru bozoz tat-tip LED li jikkonsma ftit energija. Il-kelliem informa lill-Kunsill li l-ispiza ghalihom hija gholja meta tkun ikkomperata mal-bozoz tradizzjonali.

## 13. Approvazzjoni tal-kontijiet.

13.01. Is-Sindku Joe Zammit ressaq skeda ta' pagamenti ghad-diskussjoni. **(Ara dokument L u M)**

13.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ipprezentati ghajr tad-dawl ta' Sit B San Gorg.

13.03. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

13.04. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat ivvutaw favur ghall-kontijiet kollha filwaqt li l-Kunsillier Lauro Fava vvota favur l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha ghajr l'astjena ghall-kontijiet tas-Sur Shawn Farrugia.

13.05. Il-kontijiet gew approvati.

## 14. Materji ohra.

14.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-kuntratt tal-gbir ta' skart ghandu jibqa' jigi mgedded minn xahar ghal xahar sa massimu ta' l-ahhar ta' Ottubru 2009 sakemm ma jkunx hemm xi direttiva differenti mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

14.02. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

14.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.04. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalu li qed ikun hemm numru t'ilmenti.

14.05. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg talab lill-Kunsill sabiex jiltaqa' mal-kuntrattur minhabba li qed ikun hemm kazi fejn skart ma jingabarx u drabi ohra li ta' l-iskejjel jingabar tard.

14.06. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li l-iskips tas-separazzjoni ta' l-iskart ta' Triq il-Mediterran jinsabu mimlija u ghandhom bzonn jitbattlu.

14.07. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li jinhareg it-tender ghall-installazzjoni ta' dawl ta' Sit F kif ippreparat mill-Inginier imqabbad mill-Kunsill u dan wara l-konsultazzjoni li saret mal-Perit Anton Camilleri u l-Awtorita' tad-Djar. Il-kelliem ippropona li d-data ta' l-gheluq ghandha tkun il-Hamis 5 ta' Marzu 2009, li l-avviz jingieb kull gimgha fuq il-Gazzetta tal-Gvern u darbtejn fuq The Malta Independent Daily u li l-mizata tkun ta' € 50.00 ghal kull kopja.**(Ara document N)**

14.08. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

14.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.10. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li titpogga Bin on Wheel ohra quddiem Sit A San Gorg fi Triq Pietru D'Armenia.

14.11. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

14.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.13. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li tinhareg cirkulari lir-residenti kollha rigward linji tat-traffiku u zbir ta' sigar u pjanti li jingombraw il-bankini. Il-kelliem qal li jekk ma jkunx hemm koperazzjoni l-Kunsill ghandu jitlob il-parir ta' l-Avukat sabiex issir Bye Law.

14.14. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

14.15. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.16. Is-Sindku Joe Zammit qal li ser tinkiteb ittra lis-Sanita' dwar ilmenti li l-Kunsill qed jircievi dwar persuni li ghandhom annimali d-dar u qed ikunu t'inkonvenjent ghar-residenti.

14.17. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li parti mill-art li hemm bejn Triq Cassino, Triq Camillo Sciberras u Mons Mifsud Tommasi kienet ittiehdet mis-socjeta' tal-Muzew u ghalhekk ippropona li tintalab laqgha mas-socjeta' tal-MUSEUM sabiex jekk huwa possibbli darba kultant jghinu fit-tindif tas-sit.

14.18. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

14.19. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.20. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunssill jingagga s-servizz ta' Accountant sabiex jiehu hsieb ir-rapporti statutorji mitluba mill-Kunsill kif ukoll ix-xoghol kollu konness ma' l-accounts.

14.21. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

14.22. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.23. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal li huwa mportanti li min jintaghzel ikun rikonoxxut mill-Bord Nazzjonali ta' l-Accountants kif ukoll li jkun konformi ma' Sage Pastel Partner 2007 u mal-mizuri tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

14.24. Is-Sindku Joe Zammit talab lill-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat, Joe Brincat kif ukoll lill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli sabiex jikkonkludu r-rapport finanzjarju b'riferenza ghall-mawra li saret f'Roccalumera minhabba li jrid isir ir-rapport lid-dipartiment ghall-Gvern Lokali ta' x'sar matul is-sena 2008 f'dak li ghandu x'jaqsam ma' gemellaggi u dan sabiex huwa jkun jista' jipprepara programm ta' x'ser jaghmel il-Kunsill matul is-sena li gejja f'dak li ghandu x'jaqsam gemellaggi u ftehim iehor b'mod partikulari China u l-ohrajn l'issemmew matul din il-laqgha.

14.25. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li r-rapport taghha kienet diga provditu.

14.26. Il-Kunsillier Joe Brincat qal li r-rapport tieghu kien ittiehed mill-iskrivana Alison Micallef.

14.27. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li

- Iz-zjara f'Anning ic-China ghandha tkun il-prijorita' tal-Kunsill ghal din is-sena u z-zjara ghall-iffirmar tal-partnership ghandha ssir bejn is-6 u s-16 ta' Lulju 2009 kif ukoll li l-Kunsill ghandu jinforma lill-Ambaxxata Ciniza b'dan u
- Li ghal din iz-zjara l-Kunsill ghandu jistieden lid-dirigenti ta' ghaqdiet sportivi fil-lokal kif ukoll ohrajn li urew interess fil-hidma tal-Kunsill specjalment lis-Sur Paul Fenech li wera interess f'din il-mawra

- li sa laqgha ohra s-Sindku Joe Zammit ghandu jlesti r-rapport ta' x'ser ikun il-programm tal-Kunsill matul din is-sena fil-qasam internazzjonali b'mod partikulari gemellaggi u ftehim iehor halli jintbghat lid-dipartiment wara li jkun approvat mill-Kunsill kif ukoll
- li ghandha ssir hidma kollettiva biex jingabru sponsors u kontribuzzjonijiet biex isiru z-zjarat preliminari barra minn Malta, kif maqbul matul l-ahhar laqgha b'mod partikulari ghac-Cina, Franza u l-Italja.

14.28. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

14.29. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur il-mozzjoni kollha, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutat favur li jingiebu sponsors u kontribuzzjonijiet sabiex il-Kunsill jaghmel zjajjar preliminari barra minn Malta u kontra li jkun hemm zjara fic-Cina u l-iffirmar tal-ftehim u dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' din il-mawra ghax qalet li thoss li l-Kunsill Lokali Pembroke ghandu jkollu rabtiet eqreb ma' pajjizi ta' l-EU li jinsabu fil-qrib. Il-Kunsillier Lauro Fava vvota kontra l-mozzjoni kollha kif ipprezentata.

14.30. Il-mozzjoni ghaddiet.

14.31. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li s-Sinjura Mercieca ghamlet rapport lill-Kunsill fejn qalet li ghandha xi pjanti fil-pots li tixtieq li jitnehhew mill-gnien taghha (front) u jinzerghu fil-lokal. Nitlob lill-Kunsill biex jaccetta din it-talba u jsir ix-xoghol mill-Kuntrattur Shawn Farrugia.

14.32. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

14.33. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.34. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-hajt tas-sejjieh fi Triq Mandalay propju li jmiss mad-dar tas-Sur Reno Maurin waqa' u qed ikun ta' periklu. Il-kelliem qal li ttiehed ritratt u talab biex jintbaghat lid-dipartiment tad-djar x'se jaghmel fuqu qabel ma' jiddeciedi l-Kunsill.

14.35. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

14.36. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.37. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li hemm problema bic-cilindri tal-gass li jkollu cilindri miz-zghar biss. Il-kelliema talbet li l-Kunsill jivverifika dwar ic-cilindri l-kbar jekk huwiex suppost li jkollu ghall-bejgh.

14.38. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li l-cleaner li kienet illum il-Kunsill ghandha tigi nfurmata l-kumpanija li m'ghandiex tigi aktar il-Kunsill minhabba n-nuqqasijiet.

14.39. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li jinbena hajt ta' 4 filati fuq il-hajt ezistenti li hemm madwar is-sit fi Triq Mons Mifsud Tommasi u dan minhabba li hemm filata wahda biss sabiex ma jibqax ikun hemm dumping.

14.40. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

14.41. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.42. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li jitnehhew l-out crops li hemm fi Triq Dun Amabile Sisner u toroq ohra simili. Il-kelliema qalet li resqet din il-proposta wara li rceviet diversi lmenti.

14.43. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

14.44. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.45. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jaghmel lezzjonijiet tal-beeding issussidjat. Il-kelliem qalet li fil-jiem li gejjien ser tipprovdi lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg dettalji ta' persuna li lesta li taghmel dan ix-xoghol.

14.46. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

14.47. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.48. Il-Kunsillier Joe Brincat qal li l-gibja ta' St. Patricks regghet mhux qed izzomm ilma u talab biex il-kuntrattur kif ukoll il-Perit ikunu nfurmati u jaraw x'seta' gara kif sar ix-xoghol relatat.

14.49. Il-Kunsillier Joe Brincat talab li tintbaghat ittra lis-Sur Raymond Caruana li l-Kunsill ma jistax jilqa' t-talba tieghu li jizbor sigar li hemm fis-sit ta' Sir Adrian Dingli JL u dan minhabba l-fatt li l-Kunsill m'ghandux gurisdizzjoni fuq is-sit.

14.50. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Kunsill Lokali Swieqi kienu rrinunzjaw milli jippartecipaw flimkien mal-Kunsill Lokali Pembroke sabiex issir applikazzjoni ghall-attivita' tal-giri li ssir kull sena. Il-kelliem talab li Pembroke Athleta jigu nbfurmati b'dan.

14.51. Il-Kunsillier Lauro Fava ppropona li jigi rrangat il-parking biswit il-Knisja nkluz tabella parking within the lines.

14.52. Is-Sindku Joe Zammit issekonda li jigu ordnati tabelli parking within the lines.

14.53. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.54. Il-Kunsillier Lauro Fava talab li jkun jaf f'hiex waslet it-talba approvata mill-Kunsill li ssir manutenzjoni tal-bankina ta' Triq Mikiel Ang Grima.

14.55. Is-Sindku Joe Zammit wiegeb li x-xoghol isir meta jkun hemm bizzejjed fondi disponibbli minhabba li qed jinqalghu xoghlijiet ohra li fin-natura taghhom huma aktar urgenti fosthom il-patching li ghandhu jsir wara l-maltemp li sar.

14.56. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli talab li jsir patching f'dawk it-toroq li saritilhom hsara wara x-xita li ghamlet.

14.57. Is-Sindku Joe Zammit qal li x-xoghol ta' patching ser isir fil-jiem li gejjien, dejjem jekk u meta t-temp jippermetti.

14.58. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li tintbaghat reminder lill-ADT kif ukoll ittra lill-Onor. Ministru Austin Gatt fejn kemm l-ADT kif ukoll il-Ministeru jinzammu responsabbli f'kaz li jinqala' xi incident fatali kemm il-darba t-talba tal-Kunsill sabiex Triq Gioacchino Le Brun ma tigiex accettata li tkun One Way.

14.59. Il-laqgha ntemmet fid-9.45 pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 25 ta' Frar 2009 fil-5.30 pm.

| | |
|---|---|
| Joe Zammit<br>**Sindku** | Kevin Borg<br>**Segretarju Ezekuttiv** |